MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1768/1993/2

**Emmanuel Zammit**

**v.**

**Paul Borg Barthet, bhala direttur,**
**a nom u in rapprezentanza ta' Star Industries Limited**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn zewg sentenzi moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili rispettivament fid-19 ta’ Frar 1997 u fis-16 ta’ Jannar 2003. Bl-ewwel sentenza, li hi wahda in parte, giet michuda l-eccezzjoni tal-gudikat, waqt li bit-tieni sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fil-mertu u laqghet it-talbiet ta’ l-attur u llikwidat is-somma ta’ Lm3,450 bhala penali ghad-dewmien fl-esekuzzjoni ta appalt u kkundannat lis-socjeta` konvenuta biex thallas lill-attur l-istess somma ta’ Lm3,450 in linea ta’ penali u ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut nomine.

2. Emanuel Zammit (“l-attur”/”l-appellat”)ipprezenta citazzjoni quddiem l-ewwel Qorti kontra is-socjeta` Star Industries Limited (“il-konvenuta”/”l-appelanti”) li taqra hekk:
“Billi bi ftehim datat 17 ta’ April, 1990 il-partijiet kienu dahlu f’kuntratt sabiex il-konvenut jissuplixxi lill-attur “suspended ceilings” skond kuntratt u kwotazzjoni hawn esebiti u mmarkati Dokument A u B;

U billi skond l-istess ftehim il-konvenut obbliga ruhu li jissuplixxi l-istess u jesegixxi [recte: jezegwixxi] l-istess xogholijiet fi zmien erba’ gimghat taht penali ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) kull jum ghal kull gurnata ta’ dewmien;

U billi l-konvenut naqas li jesegwixxi x-xogholijiet kif intrabat billi l-attur immedjatament tah l-ordni biex jesegwixxi l-istess xogholijiet;

U billi dawn ix-xogholijiet kienu biss lesti fil-21 ta’ Settembru, 1990 u billi ghalhekk l-attur dahal responsabbli ghall-hlas ta’ penali stipulata fil-fuq imsemmi kuntratt skond termini ta’ l-istess ftehim;

Jghid l-istess konvenut ghaliex ma ghandux jigi minn din il-Qorti:

1. dikjarati u deciz li huwa naqas li jesegwixxi x-xogholijiet lilu kommessi u jikkonsenja s-soffitti fuq imsemmija fit-terminu pattwit ta’ erba’ gimghat mid-data ta’ l-ordni;

2. tigi likwidata konsegwentement il-penali mehuda fit-termini ta’ l-istess ftehim l-ammont ta’ hamsin lira Maltija kull jum ghal kull gurnata ta’ dewmien mid-data f’liema kellu jispicca x-xoghol sal-21 ta’ Settembru, 1990 data metta effettivament kien lest l-istess xoghol;

3. jigi kkundannat ihallas il-penali hekk likwidata flimkien ma’ l-ispejjez u ma’ l-imghax kummercjali skond il-ligi.”

3. Il-konvenuta kkontestat il-kawza b’zewg noti ta’ eccezzjonijiet. Bl-ewwel wahda gie eccepit hekk:
“1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex id-dewmien kien tort kompletament ta’ l-attur li ma lestiex xogholijiet ohra li biss warajkom seta’ jsir ix-xoghol mill-eccipe, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawsa.”

4. B’nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri s-socjeta` konvenuta eccepiet ulterjorment hekk:
“1. Illi d-domandi attrici huma wkoll insostenibbli peress li l-vertenza bejn il-partijiet rigwardanti l-meritu tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija giet definita bis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta’ April 1992 fil-kawza “Paul Borg Barthet noe vs Emanuel Zammit”, numru 948/91 JF.”

5. Effettivament jirrizulta li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc kienet tat sentenza bejn il-partijiet, izda fl-ismijiet inversi fis-27 ta’ April 1992 li huwa utili li tigi riportata hawnhekk ghaliex tixhet dawl fuq certi aspetti li huma involuti fl-appell odjern. Ghandu jigi notat illi kopja ta’ din is-sentenza kif ukoll tal-process relattiv taghha, din il-Qorti sabithom imwahhlin mal-qoxra ta’ wara tal-process bi tlett “staples” b’mod li difficilment jista’ jinghad jekk l-ewwel Onorabbli Qorti haditx konjizzjoni ta’ l-istess kopji li fil-fatt lanqas huma enumerati. Ghall-kompletezza din is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc se tigi riportata fl-intier taghha:

“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-konvenut ikkommissjona lill-attur biex jaghmillu diversi xogholijiet u jipprovdi diversi materjal, liema xoghol u provvista saru u l-kont relattiv jammonta ghal Lm7150 (Dok A, B, C, D).

Premess li l-konvenut ordna lill-istanti xoghol iehor extra, liema xoghol sar bil-prezz ta' Lm2758.60 (Dok E);

Premess li l-konvenut ordna lill-istanti biex igiblu merkanzija minn barra, fuq liema merkanzija jithallas id-dazju liema dazju fis-som,ma ta' Lm2777.40,0 thallas mill-istanti fuq talba tal-konvenut li intrabat li jirrifondi l-istess somma lill-attur;

Premess li mid-dokumenti markati jirrizulta li l-konvenut hallas in akkont is-somma ta' Lm3500 u ghalhekk baqghalu jaghti bilanc ta' Lm9186 a saldu ta' l-impenji u d-debiti tieghu kif fuq spjegati (Dok F);

Premess li l-kreditu ta' l-istanti huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attur il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi fil-ligi biex jopponi l-pretensjoni attrici.

Talab ghalhekk l-attur nomine lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm9186 a saldu ta' xogholijiet, provista ta' materjal u hlas ta' dazju kif fuq intqal;

2. l-interessi kummercjali mid-data li kull somma kienet dovuta u l-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 1991 u tal-mandat ta' sekwestru u ta' qbid tad-19 ta' Awissu 1991.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi mhux ikkontestat illi l-attur nomine esegwixxa xoghol kif inghad fic-citazzjoni;

2. Illi l-attur nomine pero` kien moruz fl-esekuzzjoni tax-xoghol kif miftehma ghal sebghin gurnata sabiex b'hekk kellu jehel penali ta' (Lm50) hamsin lira ghal kull gurnata dewmien sabiex b'hekk l-ammont globali ta' (Lm3500) tlett elef u hames mitt lira jrid jifi kkumpensat ma' l-ammont li talvolta hija dovuta mill-konvenut.

3. Illi mhux minnu li l-ammont dovut lill-attur huwa cert. Dan ghaliex sar xoghol li ma kienx ikkuntrattat mill-bidu u l-attur qed jippretendi wisq hlas ghal dan.

4. Illi l-konvenut f'kull kaz ma ghandux jigi kkundannat ihallas spejjez ghaliex huwa qatt ma qal li ma riedx ihallas, ried biss li jsiru konteggi bejn il-partijiet sabiex il-hlas ikun dak dovut minnu. L-attur nomine rrifjuta li jiddiskuti mal-konvenut dwar penalitajiet jew kejl u hlas ta' xoghol "extra-kuntrattwali".

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li f'din il-kawza tressqu provi biss min-naha ta' l-attur nomine billi l-konvenut baqa' ma ressaqx provi u ma ssostanja xejn minn dak kollu li eccepixxa. Kienu saru xi zewg differimenti biex tigi espolorata possibilita` ta' ftehim imma jidher li dan ma sehhx u l-kawza kwindi ma gietx komposta. Mill-provi prodotti l-kreditu ta' l-attur noe jirrizulta sufficjentement ippruvat u mhux kontradett mill-kontroparti;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u ghall-ammont mitlub kontra l-konvenut kompriz il-kap ta' l-ispejjez u interessi kummercjali kollha kif mitlub sal-hlas effettiv."

6. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni tal-gudikat bis-sentenza in parte taghha tad-19 ta’ Frar 1997 – bl-ispejjez kontra l-konvenut noe, wara li kkunsidrat hekk:
“Illi l-gurisprudenza in materja hija fis-sens li l-estremi ta’ l-eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta’ qabel tkun giet moghtija f’kawza bejn l-istess persuni, fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (“eadem personae, eadem res, eadem causa petendi”) bhal fil-kawza l-gdida u li l-“exceptio judicati” ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta’ interpretazzjoni strettissima, u f’kaz ta’ dubju, il-gudikant ghandu jaqta’ kontra l-eccezzjoni (Koll: Vol. XXIX- I – 1155);

Is-sentenza precedenti msemmija fl-eccezzjoni in disamina kienet bejn l-istess kontendenti ta’ din il-kawza, fl-ismijiet inversi b’mod li l-attur odjern kien konvenut u s-socjeta` konvenuta kienet attrici. Ghalhekk l-ewwel element rikjest ghall-eccezzjoni ta’ “res judicata” huwa sodisfatt.

Huwa minnu li kemm il-vertenza odjerna u dik tal-kawza precedenti huma t-tnejn naxxenti mill-istess kuntratt ta’ bejn il-partijiet, u cioe` dak tas-17 ta’ April 1990, pero` it-talbiet m’humiex l-istess u s-sentenza moghtija fil-kawza precedenti deciza fis-27 ta’ April 1992 fil-parti dispozittiva taghha laqghet it-talbiet dedotti f’dik il-kawza ghall-hlas tal-bilanc mitlub izda ma ddeciditx dwar hiex dovuta jew le l-penali li qeghdha tigi mitluba fil-kawza odjerna. Jirrizulta li l-penali kienet giet eccepita f’dik il-kawza bhala kreditu li ghandu jigi kompensat ma’ parti mill-kreditu pretiz f’dik il-kawza. Is-sentenza “de quo” laqghet it-talbiet tas-socjeta` minghajr ma naqqset xejn mill-ammont mitlub, pero` dik is-sentenza ma ppronunzjatx ruhha fuq dik l-eccezzjoni, izda sempliciment laqghet it-talbiet hemm dedotti. L-istess sentenza fuq citata (Koll: Vol. XXIX – I – 1155) tghallem ukoll li l-ligi tiddistingwi bic-car bejn motiv u dispozittiv u trid li kull dikjarazzjoni li fil-hsieb tal-Qorti hija deciziva u obbligatorja ghandha tifforma parti mid-dispozittiv. U ghalhekk, biex jigi stabbilit jekk is-sentenza ta’ qabel tiggustifikax l-eccezzjoni tal-gudikat, ghandu jigi

ezaminat id-dispozittiv ta’ dik is-sentenza u mhux il-motivazzjoni taghha.

Minn ezami tad-dispozittiv tas-sentenza ta’ qabel jirrizulta li l-eccezzjoni dwar il-penali ma tissemmiex, u ghalhekk, ma jistax jinghad li dik is-sentenza cahdet il-pretensjoni ta’ l-attur odjern ghall-penali mitluba minnu f’din l-istanza u ghalhekk dik is-sentenza, kuntrarjament ghal dak li qed jigi eccepit, ma ddecidietx il-meritu tal-kawza odjerna. Ghalhekk, dik is-sentenza ma tikkostitwix gudikat li josta ghat-talba attrici;

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri in disamina, fis-sens li s-sentenza citata fl-eccezzjoni tikkostitwixxi “res judicata”, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut nomine eccipjenti.

Tordna, ghalhekk, il-prosegwiment tal-kawza.”

7. Bis-sentenza taghha tas-16 ta’ Jannar 2003, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta` konvenuta u illikkwidat il-penali u kkundannat lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta’ Lm3450 bl-ispejjez, u dan wara li kkonsidrat hekk:
“Illi l-attur f’din il-kawza ried jiftah disco f’lokal San Pawl il-Bahar, u ghal dan il-fini inkariga lill-Raymond Farrugia biex jaghmillu disinn tal-lokal. Meta dan id-disinn kien lest, fuq suggeriment tal-istess Raymond Farrugia, gew mqabbda diversi kuntratturi biex jaghmlu x-xoghol; fost dawn, is-socjeta` konvenuta giet mitluba taghmel xoghol ta’ soffitt mas-ssaqaf tal-kumpless.

Kuntratturi ohra kienu ikkummissjonati jiehdu hsieb id-dawl u l-ilma, u mastrudaxxa kellu jaghmel l-ghamara. Il-kuntratt mas-socjeta` konvenuta kien gie iffirmat fis-17 ta’ Mejju, 1990, u l-prezz patwit kien ta’ LM 7,000 (seba` t’elef). In parentesi jinghad li, fic-citazzjoni, l-attur jghid li l-kuntratt kien iffirmat fis-17 ta’ April, 1990, u fil-fatt, id-data fuq il-kuntratt mhux cara u tidher li hi ndikata bhala “April” bil-kelma “May” miktuba fuqha, jew bhala “May” bil-kelma “April” miktuba fuqha. Il-Qorti qed tikonkludi li l-kuntratt

gie iffirmat f'Mejju, ghax l-quotation mibghuta mis-socjeta` konvenuta iggib id-data tal-20 ta' April, 1990, u fil-fatt, fil-kuntratt hemm riferenza ghal din l-ittra bhala l-bazi li fuqha inhadem il-prezz. Kwindi, l-kuntratt bil-fors li gie iffirmat wara l-20 ta' April, 1990.

Skond dan il-kuntratt, ix-xoghol kellu jitlesta fi zmien erba' gimghat minn dakinhar li s-socjeta` konvenuta tigi mitluba li tibda bix-xoghol. F'kaz li jkun hemm dewmien fix-xoghol ghal-ragunijiet imputabbli lill-kuntrattur, l-istess kuntrattur intrabat li jhallas penali ta' LM 50 (hamsin lira Maltin) ghal kull gurnata ta' dewmien.

L-attur jghid, u fuq dan ma giex kontestat, li hu qal lis-socjeta` konvenuta biex tibda x-xoghol dakinhar stess li iffirma l-kuntratt, u, allura, la darba x-xoghol kellu jitlesta f'erba' gimghat, kellu jkun lest fl-14 ta' Gunju, 1990. Ix-xoghol, pero`, tlesta fil-21 ta' Settembru, 1990, cioe`, 99 (disgha u disghin) gurnata aktar mill-*projected date for completion*. L-attur qed jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas il-penali minhabba dan id-dewmien (ekwivalenti ghall-LM4950). Is-socjeta` konvenuta qed tallega li hi ma kienetx responsabbli ghal-dan id-dewmien, imma dan kien konsegwenza tal-fatt li hafna mill-kuntratturi waqghu lura fix-xoghol taghhom u dan tefa' lilha lura peress li, ghall-hafna mix-xoghol, kellha tistenna lill-haddiema l-ohra jlestu l-parti taghhom.

Din il-Qorti tibda biex tirrimarka li kienet s-socjeta` konvenuta li, minn rajha, accettat li tintrabat bi zmien specifiku u bil-penali, u kwindi, kull dewmien li jiggenera x-xoghol innifsu, trid twiegeb ghalih l-istess socjeta` konvenuta, ghax hu mifhum li hi hadet dan il-fatt (inerenti f'kull tip ta' xoghol) in konsiderazzjoni meta obbligat ruhha li tlesti x-xoghol fi zmien erba` gimghat.

Dwar ir-raguni tad-dewmien, il-partijiet, kif inhu mistenni, ma jaqblux dwar ta' minn kein it-tort. Meta xehed il-foreman tas-socjeta` konvenuta, Francis Xuereb, dan tefa' t-tort fuq id-*designer* imqabbad mill-attur u fuq il-kuntratturi l-ohra. Hu jghid li man mano li kien qed isir ix-xoghol, kienu jindunaw li ma setghux jipprocedu ezatt skond id-

disinn, u allura dan kien mehtieg li jigi aggustat. Biex isir dan, kien ikollu jattendi d-*designer* fuq il-post, u gieli dan ma kienx ikun hemm u kellhom joqghodu jistennewh sakemm jigu u flimkien jaraw kif ser jvarjaw ix-xoghol minhabba xi intoppi li kienu jinqalghu. Oltre dan, mhux l-ewwel darba li kellhom jistennew lill-kuntratturi tad-dawl u l-ilma jlestu l-*connections* u/jew jghaddu xi pajpijiet jew kannen qabel ma setghu jkomplu. Bidla fid-disinn, xi drabi, kienet tehtieg bidla fis-sistema tad-dawl u l-ilma, u sakemm isir ix-xoghol necessarju, ma kienux jistghu jkomplu. Ix-xhud jghid li hu kien jipprova jfihem lill-attur r-raguni tad-dewmien, pero`, dan, skond hu, ma kienx jifhem u ghalhekk kien jinqala` hafna paroli fuq il-lant tax-xoghol. Il-foreman qal li minhabba dawn ic-cirkostanzi ghamlu xi hmistax wieqfa, u dan barra hin u granet ohra li hu, pero`, ma setghax jikwantifika.

L-attur u martu, min naha l-ohra, meta xehedu, qalu li t-tort tad-dewmien kien kollu tas-socejta` konvenuta, u dana peress li l-haddiema l-ohra kienu jiddependu ghax-xghol taghhom fuq ix-xoghol lest tas-socjeta` konvenuta, u mhux vice versa. Huma jghidu li x-xoghol tal-mastrudaxxa bl-ebda mod ma seta` jfixkel lis-socjeta` konvenuta, fil-waqt li l-kuntratturi tal-wallpaper u tal-mirja kellhom necessarjament jibdew xogholhom wara li tlesti s-socjeta` konvenuta. Dwar il-kuntrattur tad-dawl, dawn jghidu li x-xoghol ta' gol-hajt, fil-*conduct* u taht il-mahdum, kien lest qabel ma nghata l-kuntratt lis-socjeta` konvenuta, u t-twahhil tal-bozoz kellu necessarjament isir wara li s-socjeta` konvenuta tlesti l-parti taghha.

Id-*designer*, Raymond Farrugia, kien aktar diplomatiku fid-deposizzjoni tieghu, u l-gist tad-desposizzjoni tieghu hi fis-sens li "kien hemm fazi fejn kien qed jistenna hu (il-kuntrattur tas-soffitt), pero`, kien hemm fazi fejn kien qed jistennew l-ohrajn" (a fol. 89 tal-process).

Dan ix-xhud gie repetutament mitlub ikun aktar specifiku u jindika anke kemm id-dewmien kien tat-tort tas-socjeta` konvenuta u kemm kien tal-kuntratturi l-ohra, izda, minghajr ma kien specifiku, baqa` jghid li d-dewmien kien tort taz-zewg nahat u ta' kulhadd. Hu qal li s-socjeta`

konvenuta kellha taghmel ix-xoghol taghha billi tidhol bejn ix-xoghol tal-ohrajn; il-kuntratturi l-ohra jibdew, is-socjeta` konvenuta tidhol fuqhom, u meta tlesti, jergghu jidhlu l-kuntratturi l-ohra. In konkluzzjoni hu insista li "kien hemm fejn inzamm ix-xoghol minhabba s-Sur Barthet, pero` kien hemm min ittratena ukoll fix-xoghol tieghu" (a fol. 99).

Mill-premess, jidher li fil-waqt li kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tas-socjeta` konvenuta, ma jistax jinghad li dan id-dewmien kien kollu attribwibbli ghal xi nuqqasijiet taghha. Parti mid-dewmien kien rizultat ta' xi nuqqasijiet da parti tal-kuntratturi l-ohra jew tad-*designer* stess, u ghal dan m'ghandiex tirrispondi s-socjeta` konvenuta. Sfortunatament, hadd mix-xhieda ma ta' dettalji tad-dewmien riferibilment ghal xi kuntrattur partikolari, u kulhadd xehed b'mod generali minghajr ma jkun specifiku. Il-foreman tas-socjeta` konvenuta jindika zmien ta' hmistax-il gurnata (fol. 141), pero`, ma eskludhiex hin u granet ohra mohlija mhux tort tas-socjeta` konvenuta.

Il-Qorti, wara qieset din ix-xhieda, tara li d-dewmien imputtabli lill-kuntratturi l-ohra ma jistax ikun wisq aktar mill-hmistax-il gurnata li semma l-foreman, u , mehud in konsiderazzjoni l-fattispecie tal-kaz, qed tqies, *arbitrio et boni viri*, li mid-99 jum ta' dewmien, tlettin gurnata ma kienux tort tas-socjeta` konvenuta.

Dwar il-penali innifisha, hu maghruf li l-Qorti ma tistax tisostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal-dik tal-partijiet, u meta jigi stabilit penali f'kaz ta' xi nuqqas ta' min hu obbligat, "ma hemm ebda lok illi l-attur jibbaza fuq azzjoni ghad-danni li tinvolvi fl-ewwel lok il-kwistjoni tar-responsabilita` o meno u fit-tieni lok il-likwidazzjoni tal-istess": "Debono vs Saliba", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Marzu, 1985. Penali, libera miftehma bejn il-partijiet, torbot lill-istess partijiet, u favur minn tigi kuntrattata lanqas ma hu mehtieg jipprova li hu verament sofra danni.

Darba, ghalhekk, li din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-dewmien fl-

esekuzzjoni ta' l-appalt, liema dewmien jestendi ghall-69 (disgha u sittin) jum, hi ghandha thallas penali ta' LM 3450 (tlett elef erbgha mija u hamsin liri Maltin)."

## II. L-APPELL

8. Kif diga` intqal is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata miz-zewg sentenzi riferiti fil-paragrafu 6 u 7 ta' din id-decizjoni u, ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess rikors, is-socjeta` appellanti talbet lil din il-Qorti joghogobha tirrevoka l-istess zewg sentenzi tad-19 ta' Frar 1997 u tas-16 ta' Jannar 2003 "…jew minghajr pregudizzju, timmodifikahom b'mod li l-appellant jigi mehlus minn kull responsabbilita` fl-esekuzzjoni ta' l-appalt tieghu ghal dewmien, u ma jhallasx ebda penali, bl-ispejjez kollha tal-proceduri kollha kontra l-appellat".

9. L-attur appellat ikkontesta l-appell b'risposta li fiha ta r-ragunijiet tieghu ghaliex din il-Qorti ghandha tichad l-appell u ghalhekk talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-istess zewg sentenzi appellati.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

10. Fl-ewwel lok din il-Qorti sejra titratta l-appell in kwantu jolqot is-sentenza in parti moghtija mill-ewwel Qorti fid-19 ta' Frar 1987 u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-gudikat sollevata mis-socjeta` konvenuta. Dan ghaliex jekk l-appell relattiv jinstab li huwa fondat allura jkun hemm lok ukoll li s-sentenza fil-meritu tas-16 ta' Jannar 2003 tigi konsegwentement revokata wkoll.

11. Sostanzjalment l-appellanti qieghed jghid li ladarba s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-27 ta' Frar 1992 irrimarkat, fil-konsiderandi taghha, li "il-konvenut ma ressaqx provi u ma ssostanzja xejn minn dak kollu li eccepixxa" dan kien ifisser li l-eccezzjonijiet f'dik il-kawza kienu gew michuda mill-Qorti tal-Kummerc. L-appellant qieghed isostni li f'dik il-kawza l-attur odjern kien ta l-eccezzjoni tal-pretiza penali, u ladarba din l-eccezzjoni ma gietx issostanzjata bil-provi, kif irrimarkat il-Qorti tal-

Kummerc, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar 1997 kien imissha ikkonkludiet li kien hemm sentenza definittiva ta' Qorti dwar l-istess penali u ghalhekk kellha tilqa' l-eccezzjoni tal-gudikat.

12. Din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti m'huwiex ben fondat ghaliex sfotunatament ghall-istess socjeta`, is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-27 ta' April 1992 fid-dispozittiv taghha naqset li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur odjern. Jirrizulta li bit-tieni eccezzjoni tieghu l-attur odjern kien qieghed jallega li s-socjeta` konvenuta odjerna kienet moruza fl-ezekuzzjoni tax-xoghol miftiehem ghal sebghin (70) gurnata shah. Kien qieghed jallega wkoll illi kien hemm penali ta' hamsin lira (Lm50) ghal kull gurnata dewmien u b'hekk l-ammont globali ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3500) kellu jigi kompensat ma' l-ammont li kien talvolta dovut minnu. Jirrizulta li fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Kummerc kienet irrimarkat li l-konvenut (cioe` l-attur odjern) ma ressaqx provi u ma ssostanzja xejn minn dak kollu li eccepixxa. Jista' jkun li dik il-Qorti ma dehrilhiex li kellha tichad l-eccezzjoni relattiva fid-dispozittiv tas-sentenza li emanat ghaliex forsi kien jidhrilha li ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni tal-kompensazzjoni eccepita, li kif inhuwa risaput, tehtieg li debitu l-iehor ikun likwidu, cert u dovut. Hu x'inhu l-kaz, jirrizulta li dik is-sentenza fid-dispozittiv taghha ma cahditx l-eccezzjoni in kwistjoni, izda llimitat ruhha li tilqa' t-talbiet tal-konvenut odjern, kif kienu dedotti fl-att tac-citazzjoni. U ladarba l-parti dispozittiva tas-sentenza ma kinetx tinkludi l-pronunzjarment tal-Qorti dwar it-tieni eccezzjoni allura l-allegata eccezzjoni tal-gudikat ma kienx hemm lok li tintlaqa'. Konsegwentement l-appell intavolat fil-konfront tas-sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tad-19 ta' Frar 1997 qed jigi respint.

13. Fit-tieni lok, din il-Qorti sejra tikkonsidra l-appell li s-socjeta` appellanti qeghdha taghmel fil-konfront tas-sentenza fil-meritu li nghatat mill-ewwel Qorti fis-16 ta' Jannar 2003. Is-socjeta` appellanti qeghdha tilmenta sostanzjalment li l-provi migbura kienu jindikaw li d-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-appalt ma kienx tort ta' l-istess socjeta`. Fi kliem iehor l-aggravju ta' l-appellanti

huwa fis-sens li l-ewwel Qorti m'ghamlitx valutazzjoni korretta tal-provi li kellha quddiemha. Specifikatament l-appellanti jilmenta li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tat l-ebda piz u njorat il-fatt li fil-kors ta' l-esekuzzjoni ta' l-appalt ix-xoghol moghti lis-socjeta` konvenuta gie sensibilment awmentat. Fi kliem l-appellanti stess:

"L-appellant jallega li l-appalt moghti lill-appellant kien jiswa Lm7000. Din hija allegazzjoni falza. Is-sentenza tas-27 ta' April 1992 ikkundannat lill-appellat jhallas is-somma ta' Lm9186, li hija 31% izjed mis-somma ta' Lm7000. Dana jikkonferma x-xhieda tad-disinjatur Raymond Farrugia, u ta' Francis Xuereb, il-foreman ta' l-appellant, li l-appalt gie sensibilment awmentat. Id-disenjatur ighid li skond l-arrangament originali l-appalt kellu jitlesti fi zmien 2/3 xhur. Jekk wiehed jiehu l-medja ta' xahrejn u nofs, u maghhom jizdied il-31% ta' l-awment tax-xoghol, wiehed bilfors ikollu jikkonkludi li x-xoghol ta' l-appellant kien jimplika terminu ta' 3 xhur u 10 tijiem. Quindi, jekk l-appalt beda, u spicca fil-21 ta' Settembru, 1990, l-appellant ma jistax jigi akkollat u misjub responsabbli ghad-dewmien. Ix-xoghol kellu jispicca, normalment, fl-ahhar ta' Awissu. Bid-dewmien li jispicca fil-21 ta' Settembru 1990, huwa ragonevoli. Il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-16 ta' Jannar, 2003, inspjegabbilment u inaccettabilment, tinjora dawn il-fatti kollha;"

14. Min-naha l-ohra l-attur appellat sahaq, fir-risposta ta' l-appell tieghu li d-dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt kien kawzat principalment mis-socjeta` konvenuta u mhux minhabba xi htija tal-kuntratturi l-ohra kif din kienet qeghdha tallega. Huwa jirreferi ghax-xiehda ta' Francis Xuereb li kkalkola li l-granet li seta' kien hemm dewmien imputabbli ghall-kuntratturi l-ohra kien ta' xi hmistax-il gurnata u ghalhekk l-appellat enfasizza li l-ewwel Qorti kienet altru minn generuza meta estendiet dan id-dewmien ghall-perjodu ta' tletin (30) gurnata meta giet biex tifissa l-penali.

15. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi akkwiziti fil-process u kkonkludiet li l-ewwel Onorabbli Qorti bazikament ghamlet

valutazzjoni gusta u korretta tal-provi li huma migbura fil-process. Jidher li fil-kalkoli taghha tal-perjodu tad-dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjonijiet diversi fatti, fosthom il-fatt li kuntratturi ohra setghu gieghlu lis-socjeta` konvenuta tissosspendi temporanjament l-ezekuzzjoni tax-xoghol, il-fatt li fil-kors tax-xogholijiet kien hemm tibdil necessarju tad-disinn, il-fatt ukoll li waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol is-socjeta` konvenuta ltaqghet ma' xi problemi li setghu fixxklu l-andament tax-xoghol bhal nghidu ahna problema ta' livelli u problema ta' travi. Madanakollu din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti li s-sentenza appellata <u>tista' tghid tinjora ghal kollox il-fatt li kien hemm awment pjuttost sostanzjali tax-xogholijiet li s-socjeta` konvenuta kellha tesegwixxi</u>. L-ezistenza ta' dawn ix-xogholijiet addizzjonali tohrog, per ezempju, mix-xiehda ta' Raymond Farrugia li kien id-disinjatur ta' dan il-progett u li a fol. 86 tal-process xehed hekk:

"…. nista' nghid ukoll barra li kien hemm problemi fix-xoghol innifsu zdied xi xoghol ukoll, jigifieri fuq il-pjanta kien hemm mod u zidna, infatti hemm lista ta' materjal li sar xoghol addizzjonali li kien hemm.

**<u>Il-Qorti</u>**:- Sar f'xoghol li ma kienx originarjament….

**<u>Xhud</u>**:- Iva, ma kienx mahsub ghalih u mal-process, mal-process kellna naddattaw."

L-attur odjern ma jistax jichad li kien hemm xoghol addizzjonali ghaliex fl-eccezzjoni li ta fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 ezattament f'wahda mill-eccezzjonijiet tieghu, huwa kien allega li mhux minnu li l-ammont dovut mill-attur (cioe` is-socjeta` konvenuta odjerna) huwa cert. Huwa spjega li kien sar xoghol <u>li ma kienx ikkuntrattat mill-bidu</u> u l-attur qed jippretendi wisq hlas ghal dan. Konferma ohra ta' l-ezistenza ta' dan ix-xoghol addizzjonali tohrog mill-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-27 ta' April 1992 ikkanonizzat lis-socjeta` konvenuta odjerna fis-somma dedotta fl-att tac-citazzjoni u cioe` il-bilanc ta' Lm9186. Ghalkemm dawn il-provi kienu disponibbli fil-process odjern, b'gustizzja ma' l-ewwel Qorti wiehed ghandu

jirrimarka li fin-nota ta' l-eccezjzonijiet tas-socjeta` konvenuta dawn ix-xogholijiet addizzjonali ma jissemmew xejn. Infatti hemmhekk, ir-raguni ghad-dewmien, giet attribwita unikament ghall-fatt li l-attur ma lestiex xogholijiet ohra li biss warajhom setghu jsiru x-xogholijiet mis-socjeta` konvenuta.

16. F'dawn ic-cirkostanzi hemm lok li l-appell jintlaqa' in parte billi din il-Qorti sejra taghti piz ghall-fatt li jirrizulta li saru dawn ix-xogholijiet addizzjonali li neccessarjament kellhom jikkawzaw dewmien fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt originarjament konkordat bejn il-kontendenti. Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ssib diffikulta` li tistabbilixxi b'xi precizjoni matematika d-dewmien involut fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt li ghalih hija responsabbli s-socjeta` konvenuta appellanti. Ghalhekk sejra tadotta, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti l-kriterju *arbitrio boni viri* billi tqis li d-dewmien kien imputabbli ghaz-zewg partijiet b'tort ugwali bejniethom. Ghalhekk mid-dewmien misjub mill-ewwel Qorti ta' disgha u disghin (99) jum, is-socjeta` appellanti ghandha tirrispondi biss ghal nofs dan id-dewmien u cioe` disgha u erbghin (49) gurnata u nofs. Konsegwentment il-penali dovuta ai termini tal-ftehim ta' hamsin lira (Lm50) kull gurnata jgib li l-penali dovuta ghandha tigi likwidata fis-somma ta' elfejn erba' mija u hamsa u sebghin lira (Lm2475).

17. Referibbilment ghall-kap ta' l-Ispejjez, jidher gust li jkun hemm temperament kemm fil-konfront ta' l-appell li sar mis-sentenza tad-19 ta' Frar 1997 u kemm ukoll fil-konfront tas-sentenza tas-16 ta' Jannar 2003. Dan ghaliex id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tas-27 ta' April 1992, li fuqha kienet bazata l-eccezzjoni tal-gudikat, seta' kien fiha certa ambigwita`, fis-sens spjegat aktar 'l fuq fl-odjerna sentenza, li jista' jkun li kienet tiggustifika lis-socjeta` konvenuta appellanti tissoleva l-istess eccezzjoni tal- gudikat, *sia pure* minghajr success. Fil-kofront tas-sentenza li ddecidiet il-meritu, u cioe` dik tas-16 ta' Jannar 2003, irid jinghad li ghalkemm it-talba fl-att tac-citazzjoni hija ghal somma li kellha tigi likkwidata mill-Qorti pero` mill-att tac-citazzjoni stess, wiehed seta' facilment jaghmel kalkolu matematiku u effettivament isib

li l-attur, b'dak l-att tac-citazzjoni, kien qieghed jippretendi hlas ta' penali ghal mija u wiehed u tletin (131) gurnata u cioe` pretensjoni komplessiva ta' sitt elef hames mija u hamsin lira (Lm6550). Din il-pretensjoni tikkontrasta mal-pretensjoni ta' l-odjern attur sollevata, per via ta' kumpensazzjoni fil-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerc. Hemmhekk, l-odjern attur kien qieghed jitlob kumpensazzjoni ghal sebghin (70) gurnata u konsegwentament ghall-ammont globali ta' tlett elef hames mitt lira (Lm3500). Billi din il-Qorti kkonkludiet li l-attur appellat ghandu dritt ghall-penali fl-ammont komplessiv ta' elfejn erba' mija hamsa u sebghin lira (Lm2475), somma ferm inferjuri ghal dik pretiza minnu, m'hemmx dubju li anke fil-konfront tas-sentenza fil-meritu, hemm lok li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-Ispejjez.

18. Ghal dawn il-motivi

1. Tichad l-appell intavolat mis-socjeta` appellanti fil-konfront tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-19 ta' Frar 1997;

2. Tilqa' in parti u fis-sens premess l-appell intavolat mis-socjeta` appellanti fil-konfront tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li inghatat fis-16 ta' Jannar 2003 u ghalhekk tilqa' in parti l-ewwel talba ta' l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni billi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kienet moruza fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt in kwistjoni ghall-perjodu ta' disgha u erbghin (49) gurnata u nofs; tilqa' wkoll in parti t-tieni talba ta' l-attur u ghalhekk tillikwida l-penali li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur appellat fis-somma ta' elfejn erba' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm2475), u fl-ahharnett tilqa' t-tielet talba ta' l-attur u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta appellanti thallas lill-attur l-istess somma ta' elfejn erba' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm2475) in linea ta' penali – bl-imghax kummercjali dekorribbli mil-lum.

3. L-ispejjez kollha tal-kawza (jigifieri kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll dawk ta' dan l-appell) jithallsu nofs mill-attur appellat u n-nofs l-iehor mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------